# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVIL

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

### Seduta ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Gunju 2001

**Numru**

**Citaz. Numru 39/86 DS**

Frederick Cachia
Vs
Paul Debono u b'digriet tas-27 ta' Gunju, 1986. Giet kjamata fil-kawza is-socjeta' Debono Enterprises Ltd kif rappresentata minn George u Salvu Debono.

Illum, 26 ta' Gunju 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-13 ta' Jannar 1986 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi huwa kien inkariga lill-konvenut biex jikkostruwixxi fond residenzjali fuq plot numru 17, HOS, Luqa, liema fond huwa propjeta ta' l-istess attur u jgib l-isem "Fredrin", Triq il-Mitjar, Luqa;

Illi, kif jidher mill-annessa kopja ta' rapport rilaxxjat mill-Perit Joseph Huntingford (Dokument A), irrizulta li ghar-rigward tas-soqfa tal-kcina u tal-garage tal-fond fuq imsemmi l-konvenut utilizza concrete li huwa ta' kwalita' u konsistenza inferjuri fid-dawl ta' lis-standards rikjesti fis-sengha tal-bini;

Illi b'risultat tal-kwalita' u konsistenza inferjuri tal-concrete utilizzat kif fuq spjegat, jinhtieg xoghol rimedjali fil-fond ta' l-attur hawn fuq riferit,

kompriz ix-xoghol nrecessarju ghat-tibdil tas-soqfa tal-kcina u tal-garage tal-fond in kwistjoni, oltre xogholijiet ohrajn li jkunu necessarji biex jirriparaw id-danni konsegwenzjali fil-fond;

Illi l-attur interpella lill-konvenut permezz ta' ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru, 1985 biex jezegwixxi x-xoghol rimedjali rikjest kif hawn spjegat, pero' l-konvenut baqa inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-istess konvenut huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet strutturali li rrizultaw fil-bini ta' l-imsemmi fond ta' l-attur, kif ukoll ghad-danni kollha konsegwenzjali fil-fond, kif imfisser aktar 'il fuq;

2. Tikkundanna lill-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jezegwixxi x-xoghol kollu rikjest biex jirrimedja ghan-nuqqasijiet 'de quo' u kull xoghol iehor rikjest biex jirripara d-danni konsegwenzjali fil-fond, u dan taht id-direzzjoni ta' periti nominandi;

3. Fin-nuqqas ta' esekuzzjoni volontarja da parti tal-konvenut fiz-zmien lilu hekk prefiss, tawtorizza lill-attur jezegwixxi huwa nnifsu x-xoghol li jkun mehtieg, that id-direzzjoni ta' l-istess periti nominandi, ghas-spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Ottubru 1985, kontra l-konvenut li gie mharrek biex jidher ghas-subizzjoni, u b'rizerva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-attur kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi huwa esegwixxa x-xoghol tieghu sewwa u jekk kien hemm difett fil-konsistenza tal-concrete mix, dan kien dovut ghal nuqqas tas-socjeta' Debono Enterprises Limited, li kienet issupplixxiet l-istess concrete u li ghandha ghalhekk tigi kjamata fil-kawza;

B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-27 ta' Gunju 1986 fejn giet milqugha t-talba tal-konvenut ghall-kjamata fil-kawza tas-socjeta' Debono Enterprises Ltd;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' George u Salvu Debono nomine fejn qalu:

1. Illi l-esponenti nomine ma ghandhom l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur billi huma qatt ma kkuntrattaw mieghu ghall-fornitura ta' ready mix concrete.

2. Bla pregudizzju ghall-premess, kwalsiasi pretensjoni li l-konvenut jista' jkollu kontra l-esponenti nomine hija preskritta stante li l-esponenti nomine bieghu ready mix concrete lill-konvenut u kwindi l-azzjoni hija peribbli bid-dekadenza ta' xahar.

3. Bla pregudizzju ghal dak gia sottomess, kull pretensjoni attrici hija nulla stante dak il-concrete li fornew l-esponenti nomine kien tajjeb u dana kif gia' konfermat mill-Perit Italo Raniolo.

4. Ghal dawn il-motivi it-talbiet attrici, u kwantu huma diretti kontra l-esponenti nomine, ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-16 ta' Frar 1987 fejn gie nominat l-A.I.C. Godfrey Azzopardi bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-15 ta' Frar 1988 fejn ghall-msemmi perit tekniku gie sostitwit l-A.I.C. M'Angelo Refalo;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fit-8 ta' Novembru 1999;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

1. Din ilkawza tirrigwarda essenzjalment pretensjoni ta' l-attur ta' responsabilita' tal-konvenut ghan-nuqqasijiet strutturali rizultanti fil-fond Plot 17, HOS, Luqa, wara li l-istess konvenut bennej Paul

Debono kien esegwixxa xoghol ta' soqfa b'konkos ta' kwalita inferjuri fornit mis-socjeta' kjamata in kawza.

2. Min-naha tieghu il-konvenut Paul Debono eccepixxa li jekk kien hemm difett fil-konkos, allura kienet responsabbli ghalih is-socjeta' kjamata in kawza Debono Enterprises Ltd. Din ta' l-ahhar fl-ewwel lok eccepiet in-nuqqas ta' relazzjoni guridika ma' l-attur.

3. Il-perit tekniku l-AIC M.A. Refalo fir-relazzjoni tieghu ssottometta li din l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza hi gustifikata. Il-Qorti taqbel ma dan. Difatti rrizulta ampjament mix-xhieda u d-dokumenti esebiti, li l-attur ghamel kuntratt ta' appalt mal-konvenut Paul Debono u dan min-naha tieghu nkariga lis-socjeta' kjamata in kawza sabiex tforni l-konkos ghas-soqfa tal-fond ta' l-attur. Li jrid jigi ezaminat huwa jekk il-konvenut ghandux jinzamm responsabbli ghan-nuqqasijiet strutturali u danni lmentati mill-attur in vista tal-fatt li rrizulta li l-kawza ta' tali nuqqasijiet strutturali u tar-rizultanti danni kien propju l-konkos hazin fornit lill-konvenut mis-socjeta' kjamata in kawza. Dwar li l-konkos kien hazin ir-relazzjoni teknika ma thalli l-ebda dubju.

4. Fil-fatt fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku filwaqt li ddeskriva s-sekwenza tax-xogholijiet, il-problemi rizultanti u t-trattattivi bejn il-partijiet skond il-provi migbura, irrileva li l-konvenut Paul Debono xehed li l-konkos kienu tefghuh kif wasal it-trukk u allura ma kienx hemm ir-riskju li dan jinqata' bi htija tieghu. Zied ighid ukoll li ma qal xejn lil tat-trukk u b'dan il-perit tekniku fehem li l-konkos tferra bl-istess konsistenza kif supplit u minghajr indhil mill-konvenut fir-rigward. Irrizulta wkoll mill-provi li l-konvenut kien hadem tajjeb kemm fil-hxuna tas-soqfa, kif ukoll fil-pozizzjoni u sezzjoni tal-hadid tax-xibka u tal-hadid. Innota li l-ebda prova kontrarja ma tressqet.

5. Ezamina wkoll ic-certifikat tal-Perit Raniolo, liema gew ukoll ikkonfermati bil-gurament:

a. Fic-certifikat Dok. IR3 tieghu, il-Perit Raniolo kien osserva li l-adesjoni bejn is-siment u z-zrar fil-konkos kienet inferjuri hafna, u dan fl-opinjoni tal-perit tekniku kien inevitabbli fejn it-tahlita ddur ghal zmien twil jew jinzdied ilma zejjed. Issa r-responsabilta' ghal dak li jigri lill-konkos sakemm dan ikun qed idur fit-trukk tinkombi fuq l-appaltaturi tar-*ready-mix*, f'dan il-kaz is-socjeta' kjamata in kawza;

b. Fic-certifikat Dok. IR1 tieghu, il-Perit Raniolo kien assuma r-responsabilta’ ghas-soqfa, b’dana li l-perit tekniku osserva li ma kien gie ezegwit l-ebda rimedju fuq is-saqaf tal-garaxx. Inoltre, l-istess Perit Raniolo kien qal lill-konvenut li dak is-saqaf kien tajjeb, u dan minghajr ma kien ezegwixxa sahansitra ezami tieghu. Ghal dak li jien jirrigwarda x-xoghol rimedjali fis-saqaf tal-kcina konsistenti fit-tqeghid ta’ *flush beam*, il-perit tekniku ma rax l-utilita’ tieghu, cioe’ li kieku kien intiz li jirfed allura kien jitpogga f’direzzjoni kontra l-hadid tax-xibka tas-saqaf u mhux fl-istess direzzjoni. F’kull kaz lanqas seta’ jikkompensa ghal konkos deficjenti.

c. Fic-certifikat Dok. IR2 tieghu, il-perit arkitett fuq imsemmi kien assuma responsabilta’ *`for normal structural behaviour of the reinforced concrete slabs cast with ready mixed concrete supplied by Debono Enterprises Ltd to the owner of the house above quoted`*, u dan minkejja li kien ghamel dikjarazzjoni precedenti li l-konkos kellu biss 62% sahha.

6. Skond ic-certifikat Dok. A irrilaxxjat mill-Perit Joseph Huntingford fuq inkarigu ta’ l-attur, irrizulta li z-zrar kien ta’ kwalita` inferjuri u li kien hemm aktar ramel milli messu kien hemm. Dan probabbli fuq spezzjoni vizwali. B’hekk kien ta’ l-opinjoni li l-konkos kien ta’ kwalita` inferjutri ferm tant li kellhom jinbidlu z-zewg soqfa, dan tal-kcina mill-*flush beam* `il gewwa.

7. Inoltre in vista tal-*crushing test* ezegwit mill-Perit Raniolo u dak ezegwit mill-attur fuq suggeriment tal-Perit Joseph Huntingford, il-perit tekniku qabel ma l-opinjoni espressa minn dan il-perit ta’ l-ahhar. Konsegwentement kienet is-socjeta` kjamata in kawza responsabbli ghall-kwalita hazina supplita. Stante li l-attur kien ghamel xoghol iehor ta’ tqeghid ta’ madum qabel ma nduna bill-konkos difettuz, dik is-socjeta’ kellha wkoll tkun responsabbli ghall-ispejjez ta’ tqeghid ta’ madum gdid fuq iz-zewg ambjenti, zebgha ma hitan u soqfa skond il-kaz, u installazzjonijiet li jkollhom jinqalghu biex isir ix-xoghol necessarju. Il-perit tekniku ssottometta li dan kollu kellu jsir fi zmien tlett xhur, b’dana li x-xoghol seta’ jigi pospost b’rikors jekk l-istagun ma kienx jippermetti li x-xoghol jinqabad minnufih.

*8.* L-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu ghamel riferenza ghas-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet ***Emanuel Abela vs Perit Arkitett Fred. Valentino et*** moghtija fl-4 ta’

Dicembru 1998 – mhux 1988, (Vol.LXXXII.ii.1202) fejn b'riferenza ghall-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati gie sostnut li l-appaltatur li jkun issubappalta x-xoghol jew parti minnu, cioe' bhal ma kien ghamel l-appellant f'dawk il-proceduri meta ordna l-konkos, hu responsabbli wkoll ghall-kwalita' tal-materjal. Ghalkemm il-konvenut Paul Debono fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu attakka din is-sentenza abbazi ta' l-ekwita' u gustizzja, il-Qorti ma tarax li l-pozizzjoni legali ghandha tkun diversa u rinversata fid-dawl tal-gurisprudenza stabbilita. Jigi osservat ukoll li ghalkemm il-konvenut ighid *`una rondine non fa primavera`*, naqas li jiccita gurisprudenza li tghid il-kuntrarju. U jekk hu qed jinvoka l-ekwita' u l-gustizzja, allura zgur li wiehed irid ukoll jevalwa l-effetti ta' konkluzjoni opposta ghal dik li hi gurisprudenza kostanti.

9. Wara kollox kif anke hu evidenti mis-sentenza citata minn din l-Onorabbli Qorti fl-isminiet ***Joseph Zarb vs Carmelo Agius*** u moghtija minn din il-Qorti diversament presedjuta fit-8 ta' Frar 1957 (Vol. XLI.ii.892) l-appaltatur ghandu dritt min-naha tieghu ta' rivalsa kontra l-fornitur jekk il-materjal ikun difettuz.

10. B'hekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront tal-konvenut Paul Debono.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza Debono Enterprises Ltd. U tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Paul Debono u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-istess konvenut Paul Debono huwa responsabbli ghan-nuqqasijiet strutturali li rrizultaw fil-bini ta' l-imsemmi fond ta' l-attur kif ukoll ghad-danni konsegwenzjali fil-fond,
(2) tikkundanna lill-konvenut Paul Debono biex fi zmien tliet xhur millum jesegwixxi a spejjez tieghu x-xoghol kollu rikjest biex jirripara d-danni konsegwenzjali fil-fond, u dan taht id-direzzjoni tal-Perit M'Angelo Refalo li qed jigi nominat ghal dan l-iskop,
(3) fin-nuqqas ta' esekuzzjoni volontarja da parti tal-konvenut fiz-zmien lilu prefiss, tawtorizza lill-attur jesegwixxi huwa nnifsu x-xoghol li jkun mehtieg taht id-direzzjoni ta' l-istess A.I.C. M'Angelo Refalo u a spejjez tal-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u b'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lilll-attur kontra l-konvenut.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur